**QORTI TAL-MAGISTRATI**
**(MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D**

**RIKORS NRU: 209/19SG**

**TRAPANI NEVILLE**

**VS**

**CAMILLERI PIERRE**

**Illum 17 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ta' l-attur pprezentat fl-24 ta' Settembru 2019 fejn intalab li l-konvenut ihallas l-ammont globali ta' EUR 9,468.64 rapprezentanti t-total ta' l-ammonti li ghandhom jigu rifuzi lill-attur b' konsegwenza tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' appalt konkluz mal-konvenutu dan ghar-ragunijiet indikati fl-ittra ufficjali bin-numru 1749/19 pprezentata fl-14 ta' Mejju 2019 u dan in konnesjsoni ma' xogholijiet ezegwiti mill-intimat fil-fond proprjeta' tar-rikorrenti, ossia bl-indirizz 23, Valletta Road, Luqa. Gie premess li dan l-ammont globali gie kkalkolat wara li mill-ammont globali ta' EUR 13,000.00 imhallas mill-attur lill-konvenut tnaqqas l-ammont globali ta' EUR 6,142.70 eskluz il-VAT, ossia valur tax-xogholijiet ezegwiti mill-intimat qabel it-terminazzjoni tal-ftehim ta' appalt in kwistjoni, konsistenti fit-total ta' (a) l-ammont ta' EUR 3,300.20 eskluz il-VAT rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet ezegwiti mill-intimat qabel it-terminazzjoni tal-ftheim ta' appalt in kwistjoni liema ammont gie kkalkolat skont il-kwantitatjiet indikati fir-Rapport tal-perit Mattew Bugeja u skond ir-rati indikati fl-istima pprovduta mill-intimat stess; (b) l-ammont ta' EUR 2,842.50c eskluz il-VAT rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet mwettqa mill-intimat qabel it-terminazzjoni tal-istess ftehim ta' appalt kif indikat fl-istima mhejjija minn JMD Technical Support Services. Gie premess li mill-ammont rizultanti zdied l-ammont ta' EUR 2,611.34 inkluz il-VAT rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet rimedjali u ta' rettifika ezegwiti minn JMD Technical Support Services liema xogholijiet saru necessarji in vista tal-inadempjenza u tal-intransigenza tal-intimat li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tieghu.

Bl-ispejjez inkluz dawk relattivi ghall-ittra ufficjali numru 1749/2019 u ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mitlub kontestwalment ma' dan ir-rikors kif ukoll bl-imghaxx legali dekorribbli mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali reklamat fl-intier tieghu, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li minkejja li l-konvenut kien debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci u ma deherx quddiem din il-Qorti.

Semghet lill-attur jixhed fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019.

Rat li din il-kawza giet differita in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hadet konsiderazzjoni tad-dokumenti ezebiti mal-avviz promotur liema dokumenti gew ikkonfermati bil-gurament mill-istess attur. Tqies li mid-dokumenti ezebiti jidher li thallset is-somma ta' EUR 13,000 lill-konvenut mill-attur ghal liema somma nhargu l-ircevuti ezebiti bhala Dok NT2B, NT3B u NT4B. Irrizulta wkoll li minn dan l-ammont, l-attur qed jitlob li jitnaqqsu EUR 3,300.20 rapprezentati valur tax-xogholijiet li ghamel il-konvenut qabel it-terminazzjoni tal-ftehim ta' l-appalt u EUR 2,842.50 rapprezentanti l-valur tax-xogholijiet ohra mwettqa wkoll mill-intimat qabel it-terminazzjoni tal-istess ftehim. L-istess attur ukoll ghamel xogholijiet rimedjali u ta' rettifika liema xogholijiet saru necessarji in vista ta' l-inadempjenza u l-intransigenza tal-intimat li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tieghu, liema xogholijiet rimedjali jammontaw ghal EUR 2,611.34c. L-attur ezebixxa dokumenti li jikkorraboraw il-kalkoli maghmula minnu u li huma reklamati f' dan l-avviz.

Il-Qorti tqies li ghalhekk it-talba ta' l-attur timmerita li tigi akkolta u sejra tilqaghha fl-intier taghha. Dwar il-kwistjoni ta' l-imghaxx, din il-Qorti qieset li l-ittra ufficjali li ghaliha saret referenza ma kinitx tindika l-ammont li kien qed jigi mitlub li jigi rifuz lura lill-attur izda kienet biss tikkontjeni talba ghal likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni kif ukoll talba ghal rifuzjoni ta' kwalunkwe ammonti imhallsin zejda mill-attur mill-ammont ta' EUR 13,000. Ghaldaqstant, l-imghax ser jigi dikjarat li ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz lil konvenut, peress li kien minn dakinhar li l-ammont pretiz gie indikat mill-attur.

**Decide**

**Din il-Qorti ghal ragunijiet fuq premessi qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma globali ta' disat elef, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u erbgha u sittin centezmu ta' Ewro (EUR 9,468.64) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' l-avviz promotur lill-konvenut u cioe' mid-data tal-5 t' Ottubru 2019. Il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjez kollha ta' din il-kawza nkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali bin-numru 1749/2019 u ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din il-procedura jkunu a karigu tal-konvenut.**

Magistrat Dottor Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur